# QORTI CIVILI
# PRIM AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar t-Tlieta**
**Tmienja u għoxrin (28) ta’ Jannar 2020**

## Rikors Nru 1141/18 FDP

**Fl-atti tal-**
**Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 1657/18**

Fl-ismijiet

**Paul Ciantar u**
**Noel Ciantar**

**Vs**

**L-Awtorita’ tal-Artijiet**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors ta’ Revoka tal-Mandat ta’ Inibizzjoni Nru 1657/18 ippreżentat a tenur tal-Artikolu 836(1) tal-Kap 12 ippreżentat fl-14 ta’ Novembru 2018, fejn ir-rikorrenti l-Awtorita’ tal-Artijiet talbet is-segwenti:

    1. *Illi l-Awtorita' Esponenti ħasset li kellha tressaq tali Rikors u dana stante li d-digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili per Onor. Imħallef A. Felice huwa legalment skorrett u huwa priv minn kwalunkwe motivazzjoni*

*li jiġġusitifka l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ta' din il-portata fuq art tal-Gvern u fejn qed iċaħħad l-aċċess lill-mijiet ta' persuni fil-frattemp;*

2. *Illi tajjeb li jingħad li Ciantar f'Awwissu li għadda ġia' kienu ressqu Mandat ta' inibizzjoni ieħor (Rik. Nru.: 1269/2018/GCD) kważi identiku għal dak li ġie akkolt, liema mandat kien ġie miċħud minn dina l-Onorabbli Qorti;*

3. *Illi madanakollu Ciantar ma baxxewx rashom għad-decizjoni li ħadet il-Qorti u riedu a kwalunkwe kost iwaqqfu lill-Awtorita' Rikorrenti f'din il-proċedura milli twettaq dak li mhux biss hu bi dmir li tagħmel, iżda li għandha twettaq b'dover bħala l-Awtorita' li għandha r-risponsabbilta' legali li tamministra l-proprjeta' tal-Gvem bl-aħjar mod possibbli, hekk kif del resto wettqet fil-każ odjern;*

4. *Illi huwa palesi li bla ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jikkonkorru r-rekwiżiti stabbiliti bil-liġi sabiex jinħareġ mandat ta' inibizzjoni u ċioe' li jinħareġ mandat ta' inibizzjoni ta' dan it-tip wara ftit ġimgħat li kien ġie miċħud, pero' l-Qorti diversament presjeduta hekk għamlet;*

5. *llli meta wieħed jifli sew id-digriet tal-Qorti li akkordat tali mandat wieħed isib li fil-konsiderazzjonijiet tagħha, il-Qorti fil-biċċa l-kbira qablet mal-posizzjoni tal-Awtorita', pero' imbagħad f'paragrafu wieħed dawret kollox u qalet li kulħadd hu ugwali skont il-liġi u li la hemm kawża, l-Awtorita' trid tistenna l-eżitu tal-kawża mressqa.*

   *Ċertament li dan ma jagħmilx sens għaliex l-Awtorita' bla ebda dubbju m'għandhiex xi privileġġ quddiem il-liġi aħjar minn ċittadini oħra, pero' tistenna li l-Qorti tapplika l-liġi meta takkorda mandat ta' din il-portata. X'għandu x'jaqsam li bir-rispett kollu hemm kawża pendenti. Alla ħares f'kull kawża pendenti jintalab u jinħaregġ mandat ta' inibizzjoni. It-test tal-Qorti huwa dak li ser jissemma' aktar 'l isfel li ċertament li Ciantar ma issodisfawhx. Għalhekk isegwi li minn sempliċi analiżi tad-digriet in disamina wieħed isib li l-Qorti ma tat l-ebda raġuni skont il-liġi għalfejn akkordat tali mandat;*

6. *Illi, meta tidħol fil-mertu, l-Awtorita' Esponenti tirrileva illi lanqas sal-grad ta' 'prima fade' (hekk kif tirrikjedi l-liġi f'dan il-każ) ir-Rikorrenti Ciantar m'hux qegħdin jirnexxielhom jipprovaw il-każ tagħhom stante li fl-ewwel lok huma m'hux qed jipprovaw li għandhom xi jedd u li fit-tieni lok li dan il-mandat huwa meħtieġ għalih ħalli huwa jikkawtela xi jedd (Vide 'Mario Blackman v. Terence Edward Crossey' u sentenza tal-Qorti ta' l-Appell datata 14 ta' Lulju 1988 fl- ismijiet 'Sonia Grech pro et noe v. Stephanie Manfre" dwar ir-rekwiżiti li għandhom jikkonkorru ħalli jkun jista' jiġi spedit mandat ta' inibizzjoni);*

7. *Illi anzi l-Awtorita' Esponenti hu fil-mansjoni tagħha li tagħmel dan bħala amministratur tal-beni tal-Gvern ta' Malta, wara d-deċiżjoni tal-istess Awtorita' li tittermina l-qbiela skont il-liġi li kellhom Ciantar, hekk kif għandha kull jedd li tagħmel bil-proċċedura segwita. Għalhekk meta ġie milqugħ il-mandat ta' inibizzjoni minn Qorti diversament presjeduta ma' kien hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn Ciantar u l-istess Awtorita' u l-istess art kienet ilha li rritornat pjenament għand l-Awtorita' li fil-mansjonijiet mogħtija lilha bil-liġi;*

8. *Illi għalhekk isegwi, fejn hu l-jedd 'prima facie' tar-Rikorrenti Ciantar sabiex jottjenu l-ħruġ tal-imsemmi Mandat? Fejn hu l-interess ġuridiku tagħhom f'dan ġaladarba l-proċedura għat-terminazzjoni ġiet mhux biss skattata mill-istess Awtorita' imma ikkompletata?! Kif seta' qatt jiġi akkolt mandat 'di non fare' xhur wara li Ciantar ma kellhom l-ebda titolu fuq l-art in kwistjoni?!;*

9. *Fuq dan il-punt ir-rispondent jagħmel riferenza għad-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Lulju, 2001 fil-proċeduri fl-ismijiet "James Pearsall et noe -vs- Maurice Zarb Adami et noe" fejn ġie enunċjat illi "l-iskop ta' mandat ta' inibizzjoni huwa li l-Qorti twaqqaf xi ħaġa milli ssir li tista' toħloq preġudizzju għar-rikorrenti u allura jsegwi li ladarba jiġi ppruvat li dik il-ħaġa li qed tiġi ttentat li tiġi inibita milli ssir fil-fatt tkun diġa' saret din il-proċedura ma tkunx tista' tirnexxi għax l-iskop tagħha jkun ġie vanifikat";*

10. *Illi, bir-rispett kollu, Ciantar kienu dejjem ben konxji tal-kondizzjonijiet tal-qbiela mogħtija lilhom bil-liġi u bil-poteri li għandu s-sid u ċioe' l-Awtorita' tal-Artijiet fil-konfront tagħhom. Għaliex is-sid iddeċieda, hekk kif kellu jedd li jagħmel li jieħu lura l-proprjeta' li hija tiegħu!;*

11. *Illi għal dak li jirrigwardja t-tieni element hawn fuq indikat ir-rikorrenti la huma qed u lanqas se jsofru l-ebda preġudizzju irrimedjabbli jekk ma jintlaqax l-imsemmi mandat;*

12. *Illi huwa prinċipju bażilari illi l-istrument tal-mandat ta' inibizzjoni huwa intiż fl-ordinament ġuridiku tagħna sabiex jitħarsu dawk il-jeddijiet pruvati ta' persuna jew persuni, kemm fiżiċi u kif ukoll legali, minn preġudizzju illi fin-natura tiegħu ikun wieħed irrimedjabbli. F'dan ir-rigward tajjeb li ssir riferenza wkoll għall-pronunzjament mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet 'Angelo Xuereb et noe -vs- Marin Hili et noe' (Rikors Numru 3135/94) fis-sens segwenti: "... il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara pero li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għaliha almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata ..." Dan l-insenjament pronunzjat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-fuq imsemmija proċeduri fl-ismijiet 'Angelo*

*Xuereb et noe -vs- Marin Hili et noe' (Rikors Numru 3135/94) jirrifletti duttrina illi kienet diġa' ġiet stabbilita u enunejata preċedentement mill-qrati nostrani fosthom, 'inter alia', fil-proċeduri fl-ismijiet 'Avukat Dottor Victor Borg Grech -vs- Joseph Gasan et' (Rikors Nru. 3984/92) [per Imħallef Dr. Albert Manche' LL.D.] u 'Victor Mizzi -vs- Joseph Gasan et' (Rikors Nru. 4216/92) [per Imħallef Dr. Joseph David Camilleri LL.D.]. Illi tajjeb li ssir riferernza għal digriet ferm studjat u meqjus mogħti fil-25 ta' Jannar, 2005 fl-ismijiet 'Charles Mugliette –vs- Saviour Bonnici', mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kif presjeduta mill-Onor. Imħallef Dr. Joseph R. Micallef LL.D. li enunejat kif ġej:*

*"Illi... l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali. ll-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li mingħajr il-ħruġ tal-Mandat. il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli"*

13. *Illi, apparti minn hekk, m'hemm xejn irrimedjabbli fis-sitwazzjoni pendenti l-proċeduri odjerni. Hawnhekk si tratta ta' art li ingħatat bi qbiela u per konsegwenza anke, 'dato non concesso' u b'xi tiġbid tal-immaġinazzjoni jingħataw raġun Ciantar, l-art ser tibqa' hemm u jekk ikun il-każ (dejjem remotement) il-qbiela terġa' tingħata' lilhom. Għalhekk anke fuq dan ir-rekwiżit, m'hemm l-ebda preġudizzju irrimedjabbli li jiġġustifika l-ħruġ tal-mandat odjern.*

14. *Illi għalhekk l-Awtorita' Esponenti tirrileva li ma jissusistux aktar ir-rekwiżiti li jiġġustifikaw il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni (anzi qatt ma kienu jeżistu) u fiċ-cirkostanzi m'hemm l-ebda ħtieġa jew ġustifikazzjoni li jinżamm fis-seħħ tali mandat;*

15. *Illi din l-Onorabbli Qorti per konsegwenza għandha tipproċedi sabiex tirrevoka fl-intier tiegħu l-imsemmi mandat u dana a spejjeż esklussivament tar-rikorrenti Ciantar.*

*Għaldaqstant l-Awtorita' Esponenti, għar-raġunijiet hawn fuq indikati, qiegħda titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex a tenur tal-Art. 836(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*1. Titratta dan ir-Rikors b'ċertu urġenza hekk kif trid il-liġi,*
*2.Tordna l-allegazzjoni taż-żewġ proċeduri għall-Ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni hawn fuq imsemmija;*
*3. Tirrevoka 'in toto' l-Mandat ta' inibizzjoni bin-numru 1657/2018/1 AF u dana a tenur tal-Art. 836(l)(b) u / jew (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*u dana salv kull provvediment ieħor li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti fiċ-ċirkostanzi.*

2. Rat ir-risposta ta' Paul u Noel Ciantar ippreżentata fl-4 ta' Diċembru 2018, fejn laqgħu għat-talba tal-Awtorita', billi qajjmu s-segwenti difiża:

   1. *Illi fl-umli fehma tal-esponenti t-talbiet imressqa mill-Awtorita' tal-Artijiet fir-rikors tagħha tal-14 ta' Novembru 2018 għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess Awtorita'.*

   2. *Illi fl-ewwel lok l-Awtorita' Intimata trid tiddeċiedi x'pożizzjoni trid tieħu f'dawn il-proċeduri għaliex waqt li fir-risposta ġuramentata għal din il-kawża (waħda mill-kawżi fil-mertu) teċepixxi l-intempestivita' ta' l-azzjoni b'dan ir-rikors u bir-risposta tagħha għal mandat ta' inibizzjoni de quo turi li fil-fatt għandha kull intenzjoni li twettaq dak li ġiet inibita milli twettaq. Każ tipiku ta' disprezz in faciam curiam.*

   3. *Illi l-Awtorita' qegħda tkompli tinsisti, kif għamlet fir-risposta tagħha bid-data tas-16 ta' Ottubru 2018, li l-Mandat ta' Inibizzjoni 1657/2018/AF deċiż fit-12 ta' Novembru 2018 huwa "kważi identiku" għal wieħed ieħor (1269/2018/GCD) deċiż fit-22 ta' Awwissu 2018.*

      *Li ż-żewġ mandati ta' inibizzjoni msemmijin ma humiex "kważi identiċi" mhux biss jidher mid-daqqa t'għajn lejn dak li ġie mitlub fiż-żewġ każi, fejn dak deċiż fit-22 ta' Awwissu 2018 kien fih talba ġenerika ta' inqas minn erba' linji kollox, waqt li dak deċiż fit-12 ta' Novembru 2018 kien fih paġna sħiħa b'ħames talbiet distinti, iżda qalitu wkoll 1-Ewwel Onorabbli Qorti fid-deċiżjoni tat-12 ta' Novembru 2018 meta qalet "Il-Qorti kellha okkażjoni tieħu konjizzjoni tal-atti tal-mandat ta' inibizzjoni preċedenti bejn il-partijiet u tinnota li t-talbiet huma ben distinti u diversi u għalhekk ma jistax jingħad li dan ta' llum huwa ripetizzjoni."*

   4. *Illi konsegwentement, l-Awtorita' qegħda, għal darb'oħra tonqos milli tindirizza l-mertu tat-talbiet fil-Mandat ta' Inibizzjoni 1657/2018/AF, kif fil-fatt naqset li tagħmel dan kemm fir-risposta tagħha bid-data tas-16 ta' Ottubru 2019 kif ukoll fil-Qorti waqt is-smigħ nhar id-29 ta' Ottubru 2018, u donna qiegħda tirrispondi dwar il-mandat deċiż fit-22 ta' Awissu 2018.*

   5. *Illi l-Awtorita' lanqas ma qiegħda tikkontesta l-fatti li ġew preżentati mill-esponenti mat-talba tal-Mandat ta' Inibizzjoni 1657/2018/AF nhar it-12 ta' Ottubru 2018.*

   6. *Illi waqt li l-Awtorita' qiegħda titlob ir-revoka tal-Mandat ta' Inibizzjoni 1657/2018/AF skond l-Artiklu 836 (1) (b) u (f) tal-Kapitlu 12 tal-liġiiet ta' Malta, l-Awtorita' lanqas biss uriet li xi waħda mil-ħtiġijiet tal-ligi għall-ħruġ tal-mandat ma għadhiex fil-fatt teżisti, jew li kien hemm xi tibdil fiċ-*

*ċirkostanzi li minħabba fihom il-mandat ma għadux raġjonevoli, meħtieġ jew ġustifikabbli*

7. *Illi t-talbiet tal-esponenti kif elenkati fit-talba tal-Mandat ta' Inibizzjoni 1657/2018/AF huma ankrati b'mod speċifiku fil-jeddijiet li l-esponenti għandhom fil-liġijiet tal-pajjiż li kienu msemmija b'mod speċifiku fit-talba tal-imsemmi mandat, liema jeddijiet huma għandhom mhux biss bħala titolarji tal-pussess tat-territorju fil-mertu tal-imsemmi mandat skond Kapitlu 563 u Kapitlu 573 tal-Liġijiet ta' Malta li dwarhom l-esponenti fetħu proċeduri fil-Qorti b'mod immedjat, iżda anke bħala persuni tal-pubbliku u interested parties kif per eżcmpju japplika fil-każ tal-liġijiet, direttivi u konvenzjonijiet dwar l-ippjanar tal-iżvilupp, u jeddijiet oħra li l-esponenti jixtiequ jippreservaw taħt il-liġi tad-demanju pubbliku kif provdut f'Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

8. *Illi dawk il-jeddijiet kienu spjegati fid-dettall mir-rappreżentant legali tal-esponenti fil-Qorti waqt is-smigħ tal-Mandat ta' Inibizzjoni 1657/2018/AF nhar id-29 ta' Ottubru 2018.*

9. *Illi għaldaqstant, dawk il-jeddijiet ixejjnu l-argument tal-Awtorita' li l-esponenti "mhux qegħdin jirnexxielhom jippruvaw il-każ tagħhom stante li fl-ewwel lok huma mhux qed jippruvaw li għandhom xi jedd u fit-tieni lok li dan il-mandat huwa meħtieġ għalih ħalli huwa jikkawtela xi jedd. "*

10. *Illi id-drittijiet li l-esponenti qed jipproteġu minn preġudizzju irrimedjabbli jmorru lil hinn mid-drittijiet legali li huma għad għandhom dwar l-art fil-mertu tal-ittra uffiċjali 2579/2018 tal-Awtorita', għax jirrigwardjaw ukoll il-bqija tal-art tat-territorju fil-mertu tal-Mandat ta' Inibizzjoni 1657/2018/AF u d-drittijiet li huma għadhom igawdu fuq dik l-art speċjalment id-dritt fundamentali tal-peaceful and quiet enjoyment of possessions, waqt li fil-każ tal-art fil-mertu tal-ittra uffiċjali 2579/2018 l-esponenti qed jipproteġu l-jeddijiet li huma għandhom f'Artiklu 57 tal-Kapitlu 563 u l-Artiklu 22 tal-Kapitlu 573 tal-Liġijiet ta' Malta, bħala titolarji ta' jeddijiet privati skond it-Tielet Skeda tal-Kapitlu 16 u bħala pubbliku u interested parties fir-rigward ta' l-ippjanar tal-iżvilupp.*

11. *Illi fid-deċiżjoni dwar il-Mandat ta' Inibizzjoni 1657/2018/AF, l-EwweI Onorabbli Qorti qalet: ...l-Awtorita' intimata għandha tistenna l-eżitu tal-istess proċeduri qabel tispossessa r-rikorrenti mil-ħwejjeġ li qed igawdu. Iċ-ċittadin dejjem obbligat jistenna l-eżitu ta' proċeduri ġudizzjarji biex jottjeni dak li ħaqqu. L-awtoritajiet tenuti jagħmlu l-istess. L-Awtorita' tal-Artijiet ukoll, f'dan il-proċess odjern, għandha tistenna l-eżitu tal-proċeduri mibdija regolarment skont il-liġi..." Il-mod kif jiġi maħlul kuntratt ta' kirja fuq art agrikola huwa stipulat fil-liġi u ma tiddeterminahx l-Awtorita'. Daqstant ieħor, id-deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-liġi huwa fil-kompetenza tal-Qorti u mhux tal-Awtorita', u għalhekk, una volta li l-esponenti iddisputaw fit-Tribunal ta' Reviżjoni*

*Amministrattiva li dak li wettqet l-Awtorita' ma hux skond il-liġi hija l-Awtorita' li għandha tbaxxi rasha għall-Qorti, f'dan il-każ it-Tribunal ta' reviżjoni Amministrattiva, u tistenna l-eżitu tal-proċeduri, kif qalet l-Ewwel Onorabbli Qorti.*

12. *Illi, inoltre, l-Awtorita' tiddikjara li "l-art se tibqa' hemm u li jekk ikun il-każ ... il-qbiela terġa' tingħata lilhom." Bir-rispett din ma hijiex pożizzjoni ta' amministratur tajjeb bħalma suppost hi l-Awtorita' Intimata, li donnu qed jgħid ħallini nikser il-liġi u wara jekk ikun il-każ jew jekk niġi hekk ordnat nagħti rimedju. Il-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni imur lil hemm mill-legalita' o meno tat-terminazzjoni ta' parti mill-qbiela li kienu jgawdu l-esponenti. Qari akkurat tat-talbiet tal-mandat juri dan b'mod ċar u manifest.*

13. *Illi l-Awtorita', bir-rikors tagħha, donnha qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti tiċħad it-talbiet tal-esponenti li għandhom mil-jeddijiet li huma igawdu skond il-liġijiet fil-pajjiż kif speċifikament imsemmijin u kif muri bil-fatti, liema talbiet huma intiżi biex jipproteġu lill-esponenti mill-effett sproporzjonat u rrimedjabbli ta' azzjonijiet li dawk it-talbiet iridu jevitaw. Ir-rikors tal-Awtorita' jammonta għal talba lil din l-Onorabbli Qorti sabiex effettivament tagħti lill-Awtorita' il-permess sabiex tikser il-liġijiet imsemmijin u d-diversi jeddijiet tal-esponenti.*

14. *Illi ġaladarba l-Awtorita' qed tistqarr ċar li "għandha r-responsabbilta' legali li tamministra l-proprjeta' tal-Gvem bl-aħjar mod possibbli," l-Awtorita' qiegħda hi stess tammetti li hi għandha dawk l-obbligi kollha li ġġorr din il-mansjoni, inkluż li tirrispetta l-liġijiet tal-pajjiż fejn dawn joħolqu drittijiet lil terzi bħal dawk tal-esponenti,*

15. *llli l-Awtorita' Intimata takkuża lill-esponenti li ma jridux ibaxxu rashom għad-deċiżjoni tal-Qorti mentri fil-fatt hija l-istess Awtorita' li qed turi biċ-ċar li ma tirrispettax l-Awtorita' tal-Qorti u qed tipprova ġġib fix-xejn kull ġudikat li tal volta tista' tagħti din l-Onorabbli Qorti fil-kawża fil-mertu. L-Ewwel Onorabbli Qorti daħlet u ikkunsidrat s-sottomissjonijiet ta' l-istess Awtorita' u ddikjarat b'mod ċar fejn u kif dawn kienu żbaljati. Minflok jirrispettaw dik id-deċiżjoni, l-istess Awtorita' tipprova addirittura tirridikola lil dik il-Qorti fejn addirittura tipprova tinsinwa li l-Qorti ma fehmet xejn mis-sottomissjonijiet tagħha. Disrispett totali għall-ġudizzju u l-Awtorita' tal-Qorti.*

16. *Illi l-esponenti qed jissottomettu faxxiklu b'dokumenti kif permess lilhom b'Artiklu 836(3) tal-Kapitlu 12 bħala evidenza biex tissostanzja u tamplifika l-fatti li diġa' ntqalu fil-qosor mat-talba tal-Mandat ta' Inibizzjoni 1657/2018/AF nhar it-12 ta' Ottubru 2018. Għalkemm l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-proċess tal-imsemmi mandat, wara rikors mill-Awtorita', ordnat l-isfilz tal-faxxiklu, dik il-Qorti iġġustifikat dik id-deċiżjoni hekk: "peress illi d-dokumenti lamentati ma ġewx presentati taħt*

*ġurament u peress illi uħud minnhom qed jitqiesu irrilevanti għal-fatti ta' dan il-mandat." Dan il-faxxiklu issa qed jiġi preżentat bil-ġurament u ser jitħalla fid-diskrezzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddetermina x'inhu rilevanti u x'ma hux fid-dawl tal-fatti elenkati mat-talba tal-imsemmi mandat.*

*Tant għandhom x'jissottomettu l-esponenti għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.*

3. Rat illi l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1657/2018 fl-ismijiet Paul Ciantar vs Awtorita' tal-Artijiet ġew annessi mal-proċeduri odjerni b'ordni tal-Qorti tas-7 ta' Ottubru 2019.

4. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fit-12 ta' Novembru 2019, wara liema sottomissjnjiet, il-każ ġie differit għad-deċiżjoni għal-lum.

**Konsiderazzjonjiet legali**

3. Jirriżulta illi l-azzjoni odjerna tirrigwarda revoka ta' Mandat ta' Inibizzjoni li qed issir abbażi tal-Artikolu 836 (1) (b) u/jew (f) tal-Kap 12.

4. L-ewwel u qabel kollox, il-Qorti tosserva illi, a tenur ta' l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak illi jżomm persuna jew entita' milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat u l-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

5. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għall-konsiderazzjonijiet magħmula minn dina l-Qorti, diversament ppresjeduta, fil-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1710/16 LM fl-ismijiet "**Mary Grace D'Amato vs Raymond Micallef et**" deċiż fis-16 ta' Diċembru 2016, fejn, dwar l-elementi rikjesti għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, għamlet is-segwenti osservazzjonijiet eruditi:

> *Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:*
>
> *(1) <u>ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju ta' xi jedd tar-rikorrenti</u>: il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, l-hekk imsejjaħ periculum in mora.*
>
> *(2) <u>iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd</u>: tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-Artikolu 873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta'*

*preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun jista' jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ l-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.*

*Apparti minn dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċioè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-*digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara et vs. Carmelo Barbara et** *deċiża fit-13 ta' Mejju, 2014, per Onor. Imħallef J.R.Micallef:*

> *"Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta'* Inibizzjoni *ma jingħatax fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi".*

*(3) ikun jidher prima facie li r-rikorrent għandu dak il-jedd: il-liġi tħares il-jedd prima facie bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk prima facie, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd prima facie, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju, 1988 fil-kawża Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfré (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:*

> *"... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."*

*Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż hux suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijet oġġettivi tal-liġi.*

*Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm*

*mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

*Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:*

*(4) Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Ara* **Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici** *mogħti fil-25 ta' Jannar, 2005 per Imħallef Joseph R. Micallef :*

> *"il-ħarsien li l-liġi qiegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bħalma lanqas iffisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."*

*(5) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqgħax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din." Ara* **Avukat Dr John Gauci vs. Direttur tal-Kuntratti***, Prim Awla, 18 ta' Lulju, 2008.*

*(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.*

6. Jirriżulta illi l-azzjoni odjerna intentata mill-Awtorita' rikorrenti permezz tal-preżenti rikors hija dik ta' revoka ta' l-att kawtelatorju maħruġ kontra tagħha, liema revoka qed issir abbażi tal-Artikolu 836 tal-Kap 12 u, ir-raġunijiet għar-revoka huma dawk abbażi tas-subartikolu 1(b) u 1(f) tal-istess Artikolu 836 li jagħti d-dritt lil kull min inħarġlu kontro Mandat sabiex jitlob ir-revoka tiegħu jekk:

   *"(b) waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti"*

   jew jekk

   *"(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġjonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

7. Dwar l-Artikolu 836 (1) (b) tal-Kap 12, il-Qorti tagħmel referenza għall-konklużjonijiet milħuqa minn dina l-Qorti, diversament ippresjeduta, fil-Mandat ta' Inibizzjoni 1657/2018, fl-ismijiet 'Paul Ciantar et vs l-Awtorita' tal-Artijiet, deċiż fit-12 ta' Novembru 2018, li issa ir-rikorrenti Awtorità qiegħda tipprova tirrevoka, fejn dik il-Qorti qalet is-segwenti:

   *F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Qorti tqis li r-rikorrenti ssodisfaw id-dettami tal-liġi għall-ħrug ta' mandat ta' inbizzjoni. Il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni wara li qieset illi ġaladarba huwa inkontestat it-titolu ta' qbiela li jgawdu r-rikorrenti ma' oħrajn u li t-terminazzjoni tal-istess qbiela qegħda tiġi kontestata skond il-liġi, l-Awtorità intimata għandha tistenna l-eżitu tal-istess proċeduri qabel tispossessa r-rikorrenti mill-ħwejjeġ li qed igawdu. Iċ-ċittadin dejjem obbligat jistenna l-eżitu ta' proċeduri ġudizzjarji biex jottjeni dak li ħaqqu. L-awtoritajiet tenuti jagħmlu l-istess. L-Awtorità tal-Artijiet ukoll, f'dan il-proċess odjern, għandha tistenna l-eżitu tal-proċeduri mibdija regolarment skond il-liġi. Il-Qorti kellha okkażjoni tieħu konjizzjoni tal-atti tal-mandat ta' inibizzjoni preċedenti bejn il-partijiet u tinnota li t-talbiet huma ben distinti u diversi u għalhekk ma jistax jingħad li dan ta' llum huwa ripetizzjoni.*

8. Il-Qorti, f'dan il-każ, tosserva illi ma tistax ma taqbilx 'in toto' mal-konklużjonijet milħuqa minn dik il-Qorti. Kull ċittadin għandu d-dover illi jirrispetta lill-Qrati u jistenna d-deċiżjonijet finali tagħhom, u dana jgħodd ukoll għall-Awtorita' tal-Artijiet, illi ma għandhiex tqis lilha nnifisha 'l fuq mill-Liġi.

9. Il-Qorti tosserva illi mit-12 ta' Novembru 2018 'l hawn, ma jidher illi ma ġara xejn li jista' jwassal dina l-Qorti illi tbiddel id-deċiżjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti deċiża fit-12 ta' Novembru 2018.

10. Dwar l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12, il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ntqal fid-digriet tal-Qorti fil-każ `**Spiteri v Darmanin**` li ngħata fil-25 ta` Awwissu 2010, fejn intqal is-segwenti :

*"Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa` (għal kollox jew in parti) fis-seħħ (Ara P.A. GC 3.8.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet "Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et.*

*Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m`għadux il-każ."*

Fid-digriet li ngħata fl-4 ta` Frar 2016 fil-każ 'Pace vs Camilleri' ingħad illi :

*"biex tali talba tirriżulta attwabbli tinħtieġ li r-rikorrenti jipprovaw li kien hemm bidla sostanzjali fiċ-ċirkostanzi in diżamina mid-data li fiha inħareġ il-mandat de quo."*

Fid-digriet tal-Qorti mogħti fl-10 ta` Awissu 2012 fil-każ 'Jamar Malta Limited vs Office Group Limited" saru dawn l-osservazzjonijet :-

*Is-suċċess jew telfien ta` kwestjoni fil-mertu ma tista` qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b`mod vessatorju jew fieragħ.*

*Allura, fil-fehma ta` din il-Qorti, il-kwestjoni ta` jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet eżekutanti.*

*Illi jingħad ukoll li d-disposizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa` (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m`għadux il-każ. (ara wkoll – PA. JSP. 10 ta` Jannar 1992. "Spiteri vs Camilleri" ; PA. RCP. 30 ta` Mejju 2002. "Yorkie Clothing Industry Limited vs Calleja Cremona" ; u PA. GC. 3 ta` Awissu 2001. "Fenech noe vs Spiteri noe et").*

11. Jirriżulta, għalhekk, illi dwar it-talba magħmula abbażi tal-Artikolu 836 (1) (f), dak meħtieġ li jiġi ppruvat għall-fini tad-disposizzjoni in kwistjoni huwa bdil fiċ-ċirkostanzi li allura jirrendu l-mandat mhux aktar raġonevoli jew ġustifikabbli.

12. Mid-dokumentazzjoni ppreżentata quddiem dina l-Qorti, ma jirriżultax ippruvat mill-Awtorita' rikorrenti illi seħħu xi ċirkostanzi illi, b'xi mod, twassal biex tikkonkludi li waħda mill-elementi għall-ħruġ tal-mandat kawtelatorju ma għadux jeżisti.

13. Apparti minn hekk, ma tressqet ebda raġuni valida illi, b'xi mod, setgħet turi illi ma kienx raġjonevoli illi jinżamm fis-seħħ il-Mandat ta' Inibizzjoni 1657/18 jew m'għadux aktar meħtieġ, aktar u aktar meta jidher illi l-oġġezzjoni illi l-intimati kellhom għall-azzjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet, wara il-ħruġ tal-Ittra Uffiċjali 4386/18, ġiet ikkonfermata mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva meta dan it-Tribunal, fil-25 ta' Ġunju 2019, annullat l-effetti tal-Ittra Uffiċjali illi biha l-qbiela fuq biċċa raba kienet ġiet terminata.

14. Semmai, jidher illi abbażi tad-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fuq imsemmija, il-ħtieġa tal-Mandat ta' Inibizzjoni għadu meħtieġ, aktar minn qatt qabel.

**Deċiżjoni finali**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti ppreżentati quddiemha u s-sottomissjonijet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet fuq premessi,

Tiddeċiedi r-rikors ippreżentat mill-Awtorita' tal-Artijiet fl-14 ta' Novembru 2018 billi,

Filwaqt illi tastjeni milli tikkunsidra ulterjorment l-ewwel u tieni talba tagħhom, stante illi ġew sorvolati waqt il-mori tar-rikors,

**Tiċħad** it-tielet talba tagħhom fejn talbu r-revoka 'in toto', tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1657/18 abbażi tal-Artikolu 836 (1) (b) u/jew (f) tal-Kap 12.

**Spejjeż** kollha ikunu a karigu ta' l-Awtorita' rikorrenti.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**